Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►B

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-7 ta' Novembru 2008

dwar miżuri ta' emerġenza għall-prevenzjoni tal-introduzzjoni u t-tixrid fil-Komunità tal-*Anoplophora chinensis* (Forster)

(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 6631)

(2008/840/KE)

(ĠU L 300, 11.11.2008, p. 36)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/380/UE tas-7 ta' Lulju 2010	L 174	46	9.7.2010

▼B

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-7 ta' Novembru 2008

dwar miżuri ta' emerġenza għall-prevenzjoni tal-introduzzjoni u t-tixrid fil-Komunità tal-*Anoplophora chinensis* (Forster)

(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 6631)

(2008/840/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE tat-8 ta' Mejju 2000 dwar il-miżuri protettivi kontra l-introduzzjoni ġewwa l-Komunità ta' organiżmi ta' ħsara għall-prodotti tal-pjanti u kontra t-tixrid tagħhom ġewwa l-Komunità [1], u b'mod partikolari t-tielet sentenza tal-Artikolu 16(3) tagħha,

Billi:

(1) Fit-Taqsima I tal-Parti A tal-Anness I għad-Direttiva 2000/29/KE, hemm elenkati l-*Anoplophora malasiaca* (Forster) u l-*Anoplophora chinensis* (Thomson). Studji riċenti sabu li dawk iż-żewġ denominazzjonijiet fil-fatt ikopru speċi waħda ta' organiżmu perikoluż. Għall-għanijiet ta' din id-Deċiżjoni għalhekk huwa xieraq li tintuża d-denominazzjoni unika rreveduta u xjentifika tal-*Anoplophora chinensis* (Forster) biex dak li hemm elenkat f'dak l-Anness jiġi indikat bħala *Anoplophora malasiaca* (Forster) u *Anoplophora chinensis* (Thomson).

(2) Skond id-Direttiva 2000/29/KE, meta Stat Membru jqis li hemm periklu ta' introduzzjoni jew ta' tixrid fit-territorju tiegħu ta' organiżmu perikoluż li mhux elenkat fl-Anness I jew Anness II ta' dik id-Direttiva, jista' temporanjament jieħu kwalunkwe miżuri addizzjonali meħtieġa biex jipproteġi lilu nnifsu minn dak il-periklu.

(3) B'riżultat tal-preżenza tal-*Anoplophora chinensis* (Forster) fuq diversi pjanti li jospitaw organiżmi dannużi fir-reġjun tal-Lombardija, fit-23 ta' Novembru 2007 l-Italja għarrfet lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra li, fid-9 ta' Novembru 2007, hija kienet adottat miżuri addizzjonali biex tipprevjeni l-introduzzjoni u t-tixrid ulterjuri fit-territorju tagħha ta' dak l-organiżmu speċifiku.

(4) B'riżultat tas-sejbiet dwar l-*Anoplophora chinensis* (Forster) fuq diversi pjanti ospitanti fl-Olanda, fil-21 ta' Jannar 2008 il-Kummissjoni u Stati Membri oħra ġew infurmati fuq il-miżuri meħuda biex jeqirdu dak l-organiżmu fl-Olanda.

(5) Riċentement; l-*Anoplophora chinensis* (Forster) instab f'ħafna kunsinni ta' pjanti għat-taħwil tal-*Acer* spp. li joriġina minn pajjiżi terzi. Bħalissa, ma hemm l-ebda rekwiżiti speċjali fir-rigward ta' dan l-organiżmu perikoluż għall-pjanti tal-*Acer* spp. u lanqas għal pjanti oħra li huma fost l-iktar pjanti ospiti suxxettibbli, li joriġinaw minn pajjiżi terzi jew fil-Komunità.

[1] ĠU L 169, 10.7.2000, p. 1.

▼B

(6) Fl-2008, mill-Olanda ħarġet analiżi tar-riskju ta' pesti fir-rigward tal-*Anoplophora chinensis* (Forster), li kkonkludiet li kien probabbli ħafna li l-organiżmu stabbilixxa ruħu fil-Komunità u li hemm potenzjal għoli ta' danni ekonomiċi għal diversi pjanti ospitanti.

(7) B'hekk jeħtieġ li jittieħdu miżuri ta' emerġenza kontra l-introduzzjoni u t-tixrid fil-Komunità tal-*Anoplophora chinensis* (Forster). Il-miżuri għandhom japplikaw għal lista ta' pjanti ta' kwalunkwe oriġini, il-"pjanti speċifikati", magħrufa bħala ospiti tal-*Anoplophora chinensis* (Forster) u li jippreżentaw l-ogħla riskju li jiġu infestati.

(8) Għandhom jiġu ddefiniti miżuri għall-importazzjoni ta' pjanti speċifikati fir-rigward tal-produzzjoni tagħhom f'pajjiżi terzi u spezzjonijiet mad-dħul fil-Komunità. Għandhom jiġu ddefiniti miżuri wkoll għall-produzzjoni, iċ-ċaqliq u l-kontroll ta' pjanti speċifikati li joriġinaw f'oqsma fil-Komunità fejn hija kkonfermata l-preżenza tal-*Anoplophora chinensis* (Forster).

(9) Għandhom jiġu stabbiliti miżuri ddettaljati f'żoni fil-Komunità fejn hija kkonfermata l-preżenza tal-*Anoplophora chinensis* (Forster), jigifieri ż-żoni infestati. F'dawk iż-żoni, għandhom japplikaw miżuri xierqa biex jinqered l-organiżmu u jsir monitoraġġ intensiv tal-preżenza tiegħu. Fiż-żoni madwar żoni bħal dawn, jiġifieri fiż-żoni ta' lqugħ, għandu jsir monitoraġġ intensiv għall-preżenza tal-organiżmu. Fil-każ tal-ewwel lokalizzazzjoni tal-organiżmu f'żona fil-Komunità, id-daqs taż-żona ta' lqugħ jista' jitnaqqas biex jirrifletti aħjar r-riskju iktar limitat għat-tixrid.

(10) Għandu jsir stħarriġ biex tiġi vverifikata l-preżenza jew l-assenza kontinwa tal-*Anoplophora chinensis* (Forster) fuq il-pjanti kollha fl-Istati Membri kollha.

(11) Huwa xieraq li l-miżuri jiġu rreveduti sal-31 ta' Mejju 2009 filwaqt li titqies id-disponibbiltà, wara staġun wieħed ta' tkabbir, tar-riżultati tal-istħarriġiet u tal-kontrolli uffiċjali mill-Istati Membri ta' pjanti speċifikati impurtati li qegħdin jiġu ttrasportati ġewwa l-Komunità fuq miżuri ta' emergenża.

(12) L-Istati Membri għandhom jadottaw, jekk jinħtieġ, il-leġiżlazzjoni tagħhom sabiex jikkonformaw ma' din id-Deċiżjoni.

(13) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa tal-Pjanti,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Definizzjonijiet

Għall-għan ta' din id-Deċiżjoni, għandhom japplikaw dawn id-definizzjonijiet li ġejjin:

▼B

(a) "pjanti speċifikati" tfisser pjanti għat-tħawil, minbarra żrieragħ, ta' *Acer* spp., *Aesculus hippocastanum, Alnus* spp., *Betula* spp., *Carpinus* spp., *Citrus* spp., *Corylus* spp., *Cotoneaster* spp., *Fagus* spp., *Lagerstroemia* spp., *Malus* spp., *Platanus* spp., *Populus* spp., *Prunus* spp., *Pyrus* spp., *Salix* spp., u *Ulmus* spp.;

(b) "post tal-produzzjoni" tfisser il-post tal-produzzjoni kif imfisser fl-Istandard Internazzjonali għal Miżuri Fitosanitarji Nru 5 approvat mill-FAO ([1]).

▼M1

Artikolu 2

Importazzjoni tal-pjanti speċifikati minn pajjiżi terzi ħlief iċ-Ċina

Fir-rigward tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi fejn hu magħruf li l-*Anoplophora chinensis* (Forster) hija preżenti, minbarra ċ-Ċina, il-pjanti speċifikati jistgħu jiġu introdotti biss fl-Unjoni jekk jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) jekk ikunu konformi mar-rekwiżiti speċifiċi tal-importazzjoni kif imniżżla f'punt (1) tat-Taqsima I(A) tal-Anness I;

(b) jekk, bla ħsara għall-Artikolu 13a(1) tad-Direttiva 2000/29/KE, mad-dħul ġewwa l-Unjoni dawn jiġu spezzjonati mill-korp uffiċjali responsabbli skont il-punt (2) tat-Taqsima I(A) tal-Anness I ta' din id-Deċiżjoni għall-preżenza tal-*Anoplophora chinensis* (Forster), u ma jinstab l-ebda sinjal ta' dak l-organiżmu.

Artikolu 2a

Importazzjoni tal-pjanti speċifikati miċ-Ċina

1. Fir-rigward ta' importazzjonijiet miċ-Ċina, il-pjanti speċifikati jistgħu jiġu introdotti biss fl-Unjoni jekk jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) jekk ikunu konformi mar-rekwiżiti speċifiċi tal-importazzjoni kif imniżżla f'punt (1) tat-Taqsima I(B) tal-Anness I;

(b) jekk, bla ħsara għall-Artikolu 13a(1) tad-Direttiva 2000/29/KE, mad-dħul ġewwa l-Unjoni dawn jiġu spezzjonati mill-korp uffiċjali responsabbli skont il-punt (2) tat-Taqsima I(B) tal-Anness I ta' din id-Deċiżjoni għall-preżenza tal-*Anoplophora chinensis* (Forster), u ma jinstab l-ebda sinjal ta' dak l-organiżmu;

(c) il-post ta' produzzjoni ta' dawk il-pjanti:

(i) ikollu numru ta' reġistrazzjoni uniku assenjat mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-ħarsien tal-pjanti taċ-Ċina,

(ii) ikun inkluż fl-iktar verżjoni riċenti tar-reġistru kkomunikat mill-Kummissjoni lill-Istati Membri skont il-paragrafu 3,

(iii) ma jkunx, fis-sentejn ta' qabel, suġġett ta' komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Istati Membri tat-tneħħija mir-reġistru skont il-paragrafu 3, u

([1]) Glossarju ta' Termini Fitosanitarji – Standard ta' Referenza ISPM Nru. 5 mis-Segretarjat tal-Konvenzjoni Internazzjonali dwar il-Protezzjoni tal-Pjanti, Ruma.

▼**M1**

(iv) ma jkunx, fis-sentejn ta' qabel, suġġett ta' komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Istati Membri kif hemm imsemmi fil-paragrafu 4 jew il-paragrafu 5.

2. Madankollu, il-pjanti ta' *Acer* spp. ma għandhomx ikunu introdotti fl-Unjoni sat-30 ta' April 2012.

Mill-1 ta' Mejju 2012, il-paragrafu 1 għandu japplika għall-pjanti ta' *Acer* spp

3. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika lill-Istati Membri r-reġistru ta' postijiet ta' produzzjoni fiċ-Ċina li l-organizzazzjoni nazzjonali tagħha għall-ħarsien tal-pjanti stabbiliet bħala konformi mal-punt (1)(b) tat-Taqsima I(B) tal-Anness I.

Fejn dik l-organizzazzjoni taġġorna r-reġistru minħabba t-tneħħija ta' post ta' produzzjoni jew minħabba li dik l-organizzazzjoni tkun sabet li l-post ta' produzzjoni ma għadux konformi mal-punt (1)(b) tat-Taqsima I(B) tal-Anness I jew minħabba li l-Kummissjoni tkun infurmat liċ-Ċina bl-evidenza tal-preżenza tal-*Anoplophora chinensis* (Forster) mal-wasla ta' pjanti speċifikati minn wieħed minn dawk il-postijiet ta' produzzjoni, u ċ-Ċina tagħmel il-verżjoni aġġornata tar-reġistru disponibbli għall-Kummissjoni, il-Kummissjoni għandha tikkomunika l-verżjoni aġġornata tar-reġistru lill-Istati Membri permezz ta' paġni ta' informazzjoni fuq l-internet.

Fejn dik l-organizzazzjoni taġġorna r-reġistru billi tinkludi post ta' produzzjoni minħabba li dik l-organizzazzjoni tkun sabet li l-post ta' produzzjoni hu konformi mal-punt (1)(b) tat-Taqsima I(B) tal-Anness I u ċ-Ċina tagħmel il-verżjoni aġġornata tar-reġistru disponibbli lill-Kummissjoni kif ukoll l-informazzjoni meħtieġa li tispjega dan, il-Kummissjoni għandha tikkomunika din il-verżjoni aġġornata u, fejn xieraq, dik l-informazzjoni ta' spjegazzjoni lill-Istati Membri permezz ta' paġni ta' informazzjoni fuq l-internet.

Permezz ta' paġni ta' informazzjoni fuq l-internet, il-Kummissjoni għandha tagħmel ir-reġistru u l-aġġornamenti tiegħu disponibbli għall-pubbliku.

4. Meta matul spezzjoni fil-post ta' produzzjoni rreġistrat, kif stipulat fil-punti (ii), (iii) u (iv) tal-punt (1)(b) tat-Taqsima I(B) tal-Anness I, l-organizzazzjoni Ċiniża għall-ħarsien tal-pjanti ssib evidenza tal-preżenza tal-*Anoplophora chinensis* (Forster) u l-Kummissjoni tiġi nnotifikata b'dan miċ-Ċina, il-Kummissjoni għandha minnufih tikkomunika b'dan l-iżvilupp lill-Istati Membri permezz ta' paġni ta' informazzjoni fuq l-internet.

Permezz ta' paġni ta' informazzjoni fuq l-internet, il-Kummissjoni għandha tagħmel din l-informazzjoni disponibbli għall-pubbliku.

5. Fejn il-Kummissjoni jkollha xhieda minn sorsi oħra minbarra dawk imsemmija fil-paragrafi 3 u 4 li l-post ta' produzzjoni elenkat fir-reġistru ma għadux konformi mal-punt (1)(b) tat-Taqsima I(B) tal-Anness I jew li l-*Anoplophora chinensis* (Forster) instab fuq il-pjanti speċifiċi impurtati minn tali post ta' produzzjoni, din għandha tikkomunika l-informazzjoni dwar dak il-post ta' produzzjoni lill-Istati Membri permezz ta' paġni ta' informazzjoni fuq l-internet.

▼M1

Permezz ta' paġni ta' informazzjoni fuq l-internet, il-Kummissjoni għandha tagħmel din l-informazzjoni disponibbli għall-pubbliku.

▼B

Artikolu 3

Movimenti ta' pjanti speċifikati ġewwa l-Komunità

Pjanti speċifikati li joriġinaw f'oqsma demarkati ġewwa l-Komunità stabbiliti skond l-Artikolu 5 jistgħu jiġu ttrasportati ġewwa l-Komunità biss jekk jilħqu l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt (1) tat-Taqsima II tal-Anness I.

Pjanti speċifikati impurtati skond l-Artikolu 2 mill-pajjiżi terzi fejn huwa magħruf li hemm preżenti l-*Anoplophora chinensis* (Forster), jistgħu jiġu ttrasportati fil-Komunità biss jekk jilħqu l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Punt (2) tat-Taqsima II tal-Anness I.

Artikolu 4

Stħarriġiet

L-Istati Membri għandhom iwettqu stħarriġiet uffiċjali kull sena għall-preżenza tal-*Anoplophora chinensis* (Forster) jew għall-evidenza ta' infestazzjonijiet minn dak l-organiżmu fuq il-pjanti ospitanti fit-territorji tagħhom.

Bla ħsara għall-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 2000/29/KE, ir-riżultati ta' dawk l-istħarriġiet flimkien mal-lista u d-delimitazzjoni ta' żoni demarkati msemmija fl-Artikolu 5 ta' din id-Deċiżjoni, għandhom jiġu nnotifikati lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra sat-30 ta' April ta' kull sena.

Artikolu 5

Żoni demarkati

Meta r-riżultati tal-istħarriġiet imsemmija fl-Artikolu 4 jikkonfermaw il-preżenza tal-*Anoplophora chinensis* (Forster) ġewwa żona, jew b'xi mezzi oħra tinstab evidenza tal-preżenza ta' dak l-organiżmu, l-Istati Membri għandhom jiddefinixxu l-oqsma demarkati, li għandhom jikkonsistu minn żona infestata u żona ta' lqugħ, bi qbil mat-Taqsima 1 tal-Anness II.

L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri uffiċjali fiż-żoni demarkati kif stipulat fit-Taqsima 2 tal-Anness II.

Artikolu 6

Konformità

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha biex jikkonformaw ma' din id-Deċiżjoni u, jekk huwa meħtieġ, jemendaw il-miżuri li kienu adottaw biex jipproteġu lilhom infushom kontra l-introduzzjoni u t-tixrid tal-*Anoplophora chinensis* (Forster) b'tali mod li dawk il-miżuri jikkonformaw ma' din id-Deċiżjoni. Huma għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni minnufih b'dawk il-miżuri.

▼B

Artikolu 7

Analiżi

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi rreveduta sa mhux aktar tard mill-31 ta' Mejju 2009.

Artikolu 8

Destinatarji

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

▼B

ANNESS I

MIŻURI TA' EMERĠENZA MSEMMIJA FL-ARTIKOLI 2 U 3

▼M1

I. **Rekwiżiti speċifiċi dwar l-importazzjoni**

A. – *Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi ħlief iċ-Ċina*

(1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet elenkati fl-Anness III, il-Parti A(9, 16, 18) u l-Anness IV, il-Parti A(I)(14, 15, 17, 18, 19.2, 20, 22.1, 22.2, 23.1, 23.2, 32.1, 32.3, 33, 34, 36.1, 39, 40, 43, 44, 46) tad-Direttiva 2000/29/KE, il-pjanti speċifikati li joriġinaw minn pajjiżi terzi, apparti ċ-Ċina, u fejn hi magħrufa l-preżenza tal-*Anoplophora chinensis* (Forster), għandhom ikunu akkumpanjati b'ċertifikat kif imniżżel fl-Artikolu 13(1) ta' dik id-Direttiva li taħt it-taqsima "Dikjarazzjoni addizzjonali" jiddikjara:

(a) li l-pjanti ġew imkabbra tul ħajjithom kollha f'post ta' produzzjoni li hu rreġistrat u ssorveljat mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-ħarsien tal-pjanti fil-pajjiż tal-oriġini u li jinsabu f'żona ħielsa minn insetti stabbilita minn dik l-organizzazzjoni skont l-Istandards Internazzjonali rilevanti għall-Miżuri Fitosanitarji. L-isem taż-żona ħielsa mill-insetti għandha tissemma taħt it-taqsima "post ta" oriġini'; jew

(b) li l-pjanti jkunu tkabbru, waqt perijodu ta' mill-inqas sentejn qabel l-esportazzjoni, f'post ta' produzzjoni stabbilit bħala ħieles mill-*Anoplophora chinensis* (Forster) skont l-Istandards Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji:

(i) li jkun reġistrat u sorveljat mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-ħarsien tal-pjanti fil-pajjiż tal-oriġini, u

(ii) li kull sena jkun ġie suġġett għal tal-inqas żewġ spezzjonijiet uffiċjali għal sinjali tal-*Anoplophora chinensis* (Forster) li jkunu saru fi żmien xieraq u ma jkunu nstabu l-ebda sinjali tal-organiżmu; kif ukoll

(iii) fejn il-pjanti jkunu tkabbru f'post:

— bi protezzjoni fiżika sħiħa kontra l-introduzzjoni tal-*Anoplophora chinensis* (Forster); jew

— bl-applikazzjoni ta' trattamenti preventivi xierqa u mdawra b'żona ta' lqugħ b'raġġ ta' mill-inqas żewġ kilometri fejn isiru darba fis-sena u fi żmien xieraq l-istħarriġiet uffiċjali għall-preżenza jew għas-sinjali tal-*Anoplophora chinensis* (Forster). Fil-każ li jinstabu sinjali tal-*Anoplophora chinensis* (Forster), għandhom jittieħdu miżuri preventivi biex iż-żona ta' lqugħ tinħeles mill-ġdid mill-insetti; u

(iv) fejn, immedjatament qabel l-esportazzjoni, il-kunsinni tal-pjanti jkunu suġġetti għal spezzjoni uffiċjali metikoluża għall-preżenza tal-*Anoplophora chinensis* (Forster), b'mod partikolari fl-għeruq u z-zkuk tal-pjanti. Din l-ispezzjoni għandha tinkludi l-kampjun distruttiv fil-mira. Id-daqs tal-kampjun għall-ispezzjoni għandu jkun tali li jippermetti għall-inqas l-iskoperta ta' livell ta' 1 % ta' infestazzjoni bil-livell ta' fiduċja ta' 99 %.

(2) Pjanti speċifikati impurtati skont il-punt (1) għandhom jiġu spezzjonati b'mod metikoluż fil-punt tad-dħul jew fil-post tad-destinazzjoni stabbilit skont id-Direttiva tal-Kummissjoni 2004/103/KE ([1]). Il-metodi ta' spezzjoni applikati għandhom jiżguraw il-lokalizzazzjoni ta' kwalunkwe sinjali tal-*Anoplophora chinensis* (Forster), b'mod partikolari fl-għeruq u z-zkuk tal-pjanti. Din l-ispezzjoni għandha tinkludi l-kampjun distruttiv fil-mira. Id-daqs tal-kampjun għall-ispezzjoni għandu jkun tali li jippermetti għall-inqas l-iskoperta ta' livell ta' 1% ta' infestazzjoni bil-livell ta' fiduċja ta' 99 %.

([1]) ĠU L 313, 12.10.2004, p. 16.

▼M1

B. – *Importazzjoni miċ-Ċina*

(1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet elenkati fl-Anness III, il-Parti A(9, 16, 18) u l-Anness IV, il-Parti A(I)(14, 15, 17, 18, 19.2, 20, 22.1, 22.2, 23.1, 23.2, 32.1, 32.3, 33, 34, 36.1, 39, 40, 43, 44, 46) tad-Direttiva 2000/29/KE, pjanti speċifikati li joriġinaw fiċ-Ċina għandhom ikunu akkumpanjati minn ċertifikat kif imsemmi fl-Artikolu 13(1) ta' dik id-Direttiva li tiddikjara taħt it-Taqsima "Dikjarazzjoni Addizzjonali" li:

(a) l-pjanti ġew imkabbra tul ħajjithom kollha f'post ta' produzzjoni li hu rreġistrat u ssorveljat mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-ħarsien tal-pjanti fiċ-Ċina u li jinsabu f'żona ħielsa mill-insetti stabbilita minn dik l-organizzazzjoni skont l-Istandards Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji rilevanti. L-isem taż-żona ħielsa mill-insetti għandha tissemma taħt it-taqsima "post ta" oriġini'; jew

(b) l-pjanti jkunu tkabbru, waqt perijodu ta' mill-inqas sentejn qabel l-esportazzjoni, f'post ta' produzzjoni stabbilit bħala ħieles mill-*Anoplophora chinensis* (Forster) skont l-Istandards Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji:

(i) li jkunu reġistrat u sorveljati mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-ħarsien tal-pjanti; kif ukoll

(ii) li kull sena jkunu ġew suġġetti għal tal-inqas żewġ spezzjonijiet uffiċjali għal sinjali tal-*Anoplophora chinensis* (Forster) li jsiru fi żmien xieraq u ma jkunu nstabu l-ebda sinjali tal-organiżmu; u

(iii) fejn il-pjanti jkunu tkabbru f'post:

— bi protezzjoni fiżika sħiħa kontra l-introduzzjoni tal-*Anoplophora chinensis* (Forster); jew

— bl-applikazzjoni ta' trattamenti preventivi xierqa u mdawra b'żona ta' lqugħ b' raġġ ta' mill-inqas żewġ kilometri fejn isiru darba fis-sena u fi żmien xieraq l-istħarriġiet uffiċjali għall-preżenza jew is-sinjali tal-*Anoplophora chinensis* (Forster). Fil-każ li jinstabu sinjali tal-*Anoplophora chinensis* (Forster), għandhom jittieħdu miżuri preventivi biex iż-żona ta' lqugħ tinħeles mill-ġdid mill-insetti; u

(iv) fejn, immedjatament qabel l-esportazzjoni, il-kunsinni tal-pjanti jkunu suġġetti għal spezzjoni uffiċjali metikoluża, inklużi l-kampjuni distruttivi fil-mira fuq kull lott, għall-preżenza tal-*Anoplophora chinensis* (Forster), b'mod partikolari fl-għeruq u z-zkuk tal-pjanti.

Id-daqs tal-kampjun għall-ispezzjoni għandu jkun tali li jippermetti għall-inqas l-iskoperta ta' livell ta' 1 % ta' infestazzjoni bil-livell ta' fiduċja ta' 99 %.

(c) in-numru ta' reġistrazzjoni tal-post ta' produzzjoni.

(2) Pjanti speċifikati impurtati skont il-punt (1) għandhom jiġu spezzjonati b'mod metikoluż fil-punt tad-dħul jew fil-post tad-destinazzjoni stabbilit skont id-Direttiva 2004/103/KE. Il-metodi ta' spezzjoni applikati, inklużi l-kampjuni distruttivi fil-mira fuq kull lott, għandhom jiżguraw il-lokalizzazzjoni ta' kwalunkwe sinjali tal-*Anoplophora chinensis* (Forster), b'mod partikolari fl-għeruq u z-zkuk tal-pjanti. Id-daqs tal-kampjun għall-ispezzjoni għandu jkun tali li jippermetti għall-inqas l-iskoperta ta' livell ta' 1 % ta' infestazzjoni bil-livell ta' fiduċja ta' 99 %.

▼M1

Il-kampjunar distruttiv imsemmi fl-ewwel paragrafu għandu jsir fuq il-livell stabbilit fit-tabella li ġejja:

Numru ta' pjanti fil-lott	Livell ta' kampjunar distruttiv (numru ta' pjanti li għandhom jinqatgħu)
1 – 4 500	10 % tad-daqs tal-lott
> 4 500	450

▼B

II. **Kundizzjonijiet għall-moviment**

(1) Pjanti speċifikati li joriġinaw f'oqsma demarkati ġewwa l-Komunità jistgħu jiġu mċaqilqa ġewwa l-Komunità biss jekk ikunu akkumpanjati minn passaport imħejji u maħruġ skond id-Direttiva tal-Kummissjoni 92/105/KEE ([1]) u jkunu tkabbru għal perijodu ta' mill-inqas sentejn qabel ma jiċċaqilqu għal post tal-produzzjoni:

(i) li jiġi rreġistrat skond id-Direttiva tal-Kummissjoni 92/90/KEE ([2]) kif ukoll

(ii) li jkun ġie suġġett għal żewġ spezzjonijiet uffiċjali ta' kull sena għal kwalunkwe sinjal tal-*Anoplophora chinensis* (Forster) li jsiru fi żminijiet xierqa u ma jkunu nstabu l-ebda sinjali tal-organiżmu; fejn jixraq, din l-ispezzjoni għandha tinkludi kampjunar distruttiv u

(iii) fejn il-pjanti jkunu tqiegħdu f'post:

— bi protezzjoni fiżika sħiħa kontra l-introduzzjoni tal-*Anoplophora chinensis* (Forster); jew

— bl-applikazzjoni ta' trattamenti preventivi xierqa u mdawra b'żona ta' lqugħ b'raġġ ta' mill-inqas żewġ kilometri lil hinn mill-konfini taż-żona infestata fejn isiru darba fis-sena u fi żminijiet xierqa l-istħarriġiet uffiċjali għall-preżenza jew sinjali tal-*Anoplophora chinensis* (Forster). Fil-każ li jinstabu sinjali tal-*Anoplophora chinensis* (Forster) għandhom minnufih jittieħdu miżuri ta' eradikazzjoni biex iż-żona ta' lqugħ tinħeles mill-ġdid mill-pesti.

(2) Pjanti speċifikati importati minn pajjiżi terzi fejn hija magħrufa l-preżenza tal-*Anoplophora chinensis* (Forster) skond it-Taqsima I jistgħu jiċċaqilqu ġewwa l-Komunità biss jekk jiġu akkumpanjati mill-passaport tal-pjanti msemmi fil-punt (1).

([1]) ĠU L 4, 8.1.1993, p. 22.
([2]) ĠU L 344, 26.11.1992, p. 38.

▼B

ANNESS II

MIŻURI TA' EMERĠENZA MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 5

1. **Definizzjoni ta' żoni demarkati**

(a) Iż-żoni demarkati li jissemmew fl-Artikolu 5 għandhom jikkonsistu mill-partijiet li ġejjin:

(i) żona infestata fejn il-preżenza tal-*Anoplophora chinensis* (Forster) ġiet ikkonfermata u li tinkludi l-pjanti kollha li juru sintomi kkawżati mill-*Anoplophora chinensis* (Forster), u, fejn jixraq, il-pjanti kollha li jagħmlu parti mill-istess lott fiż-żmien taż-żrigħ,

(ii) żona ta' lqugħ li l-konfini tagħha jkun tal-anqas żewġ kilometri 'l bogħod minn dik taż-żona infestata.

(b) Id-delimitazzjoni eżatta taż-żoni msemmija fil-punt (a) għandha tkun ibbażata fuq prinċipji xjentifiċi sodi, il-bijoloġija tal-*Anoplophora chinensis* (Forster), il-livell ta' infestazzjoni, id-distribuzzjoni partikolari tal-pjanti speċifikati fiż-żona u evidenza tal-istabbiliment tal-organiżmu perikoluż. Fil-każ tal-ewwel lokalizzazzjoni tal-organiżmu ġewwa żona, u wara stħarriġ ta' delimitazzjoni, ir-raġġ taż-żona ta' lqugħ tista' titnaqqas għal mhux inqas minn kilometru lil hinn mill-konfini taż-żona infestata.

(c) Jekk il-preżenza tal-*Anoplophora chinensis* (Forster) tiġi kkonfermata barra miż-żona infestata, id-delimitazzjonijiet taż-żoni demarkati għandhom jitbiddlu skond dan, jew għandhom jittieħdu miżuri immedjati biex iż-żona ta' lqugħ tinħeles mill-pesti.

(d) Jekk, skond l-istħarriġiet annwali msemmija fil-punt 2(b), l-*Anoplophora chinensis* (Forster) ma jkunx ġie llokalizzat f'żona demarkata għal perijodu ta' erba' snin, din id-demarkazzjoni għandha titneħħa u l-miżuri msemmija f'punt 2 ta' dan l-Anness ma għandhomx jibqgħu japplikaw.

2. **Miżuri f'żoni demarkati**

Il-miżuri uffiċjali li jissemmew fl-Artikolu 5 li għandhom jittieħdu fiż-żoni demarkati għandhom jinkludu tal-anqas dan li ġej:

(a) fiż-żona infestata, miżuri xierqa bil-għan li jeqirdu l-*Anoplophora chinensis* (Forster), inkluż il-qtugħ u l-qerda tal-pjanti infestati u pjanti b'sinjali tal-*Anoplophora chinensis* (Forster), inklużi l-għeruq kull sena qabel it-30 ta' April;

(b) fiż-żona infestata u fiż-żona ta' lqugħ, il-monitoraġġ intensiv għall-preżenza tal- *Anoplophora chinensis* (Forster) permezz ta' spezzjonijiet li jsiru ta' kull sena fuq il-pjanti ospitanti tal-organiżmu fi żminijiet xierqa.